**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 753/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Fabian Fleri, Lydon Zammit u Colin Sheldon)**

**vs**

**Daniele Aquilina**

Illum, 30 ta' April 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Daniele Aquilina**, ta' 26 sena, iben Mary Rose Aquilina, mwieled Pieta' nhar id-19 ta' Settembru 1993, detentur tal-karta tal-identita' numru 568393M u residenti gewwa Palazzo Testaferrata, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex, akkuzat:

1. Talli fis-17 ta' Dicembru 2019 ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu (07: 45Hrs), ikkometta serqa minn gewwa l-istabiliment bl-isem ta' The CKC Cafe li jinsab fi Triq Abate Rigord gewwa Ta' Xbiex liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u dan ghad-dannu ta' Ivania Borg u Norman Zammit u/jew persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra skond l-artikoli 261(a)(b)(c), 262(b), 263(b), 267, 275, 274(c), 277(b), 280(2), tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ivania Borg, u persuni ohra kontra l-volonta' taghhom skond l-Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija skond Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta;

4. Talli fis-17 ta' Dicembru 2019 ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (07:30Hrs) fi Triq Abate Rigord f Ta Xbiex, bil-hsieb li jaghmel delitt ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' Karolina Grima, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzioni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu skond l-artikoli

41(1)(a), 261(a) (b)(c), 262(1) (b), 263(b), 270, 275 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hfief salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Karolina Grima skond kif iccertifika Dr. Alfred Aquilina MD 871 mic-Centru Tas-Sahha tal-Floriana skond Artikolu 221(1)tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

6. Talli fit-14 ta' Dicembru 2019 ghal habta ta' tlieta neqsin kwart ta' filghodu (02:45Hrs), minn gewwa Triq Manoel De Vilhena, l-Gzira ikkomettejt serq ta' handbag liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta' Gillian Bajada skond Artikoli 261 (b) (c) (f), 263(b), 267, 270, 274(c), 280(2), tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

7. Talli bejn 1-1 ta' Novembru u 19 ta' Dicembru 2019 f diversi nhawi f' dawn il-gzejjer appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu u tarradd tal-haga jew li sir uzu minnha specifikat, u cioe tal-vettura ta' l-ghamla Volkswagen Passat bin-numru ta registrazzioni IBP-761, liema ammont ta' hsara huwa aktar minn hames mitt Ewro (500€) izda mhux aktar minn hames telef Ewro (5,000€) ghad-dannu ta' Nikita Cardona skond Artikoli 293 u 310(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

8. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D, datata 11 ta' Jannar 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

9. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' probation order ta' Kapitlu 446 Atiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tlett

snin moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti Kriminali Mhallef Dr. G. Grixti LL.D. datata 26 ta' Gunju 2017, liema sentenza saret definitiva u ma tistghax tinbidel;

10. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' Combination order ta' Kapitlu 446 Artiklu 18 tal-ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tlett snin moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti Kriminali Mhallef Dr. G. Grixti LL.D. datata 28 ta' Settembru 2017, liema sentenza saret definitiva u ma tistghax tinbidel;

11. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' hija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tad-19 ta' Dicembru 2019 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar is-16 ta' Jannar 2023 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

[1] Fol. 27 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 567-568 ta' l-atti processwali

1. Fl-Artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(2), 263(b), 267, 274(c), 275, 277(b), u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikoli 86 u 87(1)(c)(e)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-Artikoli 51(2), 51(3), 51(6), 51(7), 51(9), 55(a), 56, 57, u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b), 262(2), 263(b), 267, 275, 276, u 277 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-Artikoli 214, 215, 217, u 221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f, 263(b), 267, 270, 274(c), u 278(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fl-Artikoli 293 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Fl-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Fl-Artikoli 7, 21(1), 21(2), 21(3), 21(4), u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Fl-Artikoli 7, 21(1), 21(2), 21(3), 21(4), u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Fl-Artikoli 17, 18, 19, 23(1), 23(2), 23(3), 23(4), 23B, 23C, 28A, 28B, 28C, 28E, 28F, 28G, 28H, 30, 31, 49, 50, 289, 383(1)(2)(3), 384, 385, 386, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tad-19 ta’ Jannar 2023 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz

minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar id-19 ta' Jannar 2023.[4]

Rat illi l-provi tad-difiza gew definittivament maghluqa nhar l-4 ta' Frar 2024.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna allegati incidenzi ta' serq bi vjolenza mwettaq mill-imputat Daniele Aquilina bejn l-14 u s-17 ta' Dicembru 2019 fl-inhawi tal-Gzira u Ta' Xbiex ghad-dannu ta' Gillian Bajada, Carolina Grima u CKC Café. L-istess imputat huwa akkuzat ukoll li ghamel approprijazzjoni indebita ta' vettura tat-tip VW Passat ghad-dannu ta' Nikita Cardona.

[3] Fol. 569 ta' l-atti processwali
[4] Fol. 569 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 585 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2020 xehed l-**Ispettur Lydon Zammit**[6]. Spjega li fis-17 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tas-19:30hrs il-Pulizija giet infurmata li fi Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, kienet ghadha kif sehhet serqa fuq mara li kienet miexja fit-triq fejn persuna maskili prova jehodilha l-handbag. L-Ispettur Zammit kompla jispjega li ftit minuti wara sehhet hold-up fl-istabbiliment CKC Café li jinsab fl-istess triq. F'dan l-episodju persuna maskili dahal b'sikkina f'idu u wara li seraq ammont ta' flus telaq minn fuq il-post. Ix-xhud irrikorra fuq il-post u tkellem ma certu Ivania Borg li spjegat li ghall-habta tat-19:45hrs dahal persuna maskili liebes hoodie sewda u qalziet maroon b'xalla bajda bil-griz mdawra ma wiccu li filwaqt li ppunta sikkina kbira lejha talabha l-flus. Hi fethet il-cash register u ghaddietlu l-flus li kien hemm, li kienu jammontaw ghal cirka €450. L-aggressur hataf il-flus u telaq 'il barra. Ix-xhud tkellem ukoll ma sid il-hanut Norman Zammit li pprovda kopja tal-filmati CCTV. Ix-xhud tkellem ukoll mal-vittma tal-incidenza l-ohra Carolina Grima li spjegat li kienet miexja mid-direzzjoni ta' Mamma Mia direzzjoni lejn il-Gzira u lemhet zewg irgiel iharsu lejha mill-bankina opposta. F'daqqa wahda, wiehed mill-irgiel qasam it-triq u prova jahtfilha l-handbag izda minhabba li kellha idejha fil-but, dan ma inqalax. Minhabba f'hekk, l-aggressur beda' jaghtiha bil-ponn f'wiccha u jghidilha biex ittih il-handbag. Mar jassistiha certu Matthew Wilan b'lasta ta' xkupa u l-aggressur harab minn fuq il-post. Spjegat li l-aggressur kellu xalla

[6] Fol. 57-71 tal-atti processwali

bajda bil-griz tghattilu wiccu. Matthew Wilan ukoll ikkonferma din id-deskrizzjoni. Ix-xhud spjega li mill-ewwel kien hemm suspett li z-zewg incidenzi kienu relatati u ingabru ghadd ta' filmati CCTV miz-zona. Mill-filmati, l-aggressur gie innotat jimxi lejn residenza u minn stharrig li sar, irrizulta li dan kien l-imputat Daniele Aquilina li x-xhud gharaf fl-awla. Aquilina kien imfittex fuq serqa ohra li kienet saret tlett'ijiem qabel fil-Gzira. Fl-14 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tat-02:40hrs dahal rapport li fi Triq Manoel de Vilhena, il-Gzira, kienet sfat misruqa certu Gillian Bajada minn ragel li gie minn warajha u hatfilha l-handbag b'tant sahha li tqattghet ic-cinga. Il-vittma sofriet xi griehi izda ma rrikorrietx ghal assistenza medika u ghalhekk ma pprezentatx certifikat. Fuq il-post instab mobile phone tal-marka Nokia u minn verifiki li saru fuq is-SIM card tieghu, irrizulta li huwa tal-imputat Daniele Aquilina. Ix-xhud flimkien ma PS 1255 mar fir-residenza tal-imputat fi Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex fejn saret tfittxija u nsabu l-hwejjeg u x-xalla li gew deskritti mill-vittmi u li jidhru fil-filmati kif ukoll tlett mobile phones. L-imputat kien ammetta max-xhud li kien rema s-sikkina li ntuzat fil-hold-up vicin fil-haxix vicin id-dar. Din instabet. Wara li gie moghti s-soliti drittijiet u ghazel li ma jikkonsultax ma avukat, l-imputat ta stqarrija fejn ammetta l-involviment tieghu fil-hold-up f'CKC Café kif ukoll l-attakk fuq Carolina Grima. Spjega li f'dan l-ahhar incident kien fil-kumpanija ta' certu Reuben Galea, li mieghu kien ftiehem li *"jaghmlu bicca xoghol"*. L-imputat ammetta ukoll l-involviment tieghu fis-serqa fuq Gillian Bajada u kkonferma li l-mobile phone misjub fuq il-post kien tieghu. Gie mitkellem ukoll fuq rapport maghmul minn certu Nikita Cardona li tghid li fdat il-karozza taghha ghand l-imputat waqt li kienet bil-hsara izda dan spicca zarmaha u beda jbiegh il-parts minnha. Fuq dan ir-rapport ukoll, l-imputat ammetta li kien biegh is-sound system kif ukoll it-tyres ta' din il-karozza u gabar taghhom madwar €350.

Ix-xhud ipprezenta ircevuta ta' oggetti elevati minn ghand l-imputat nhar is-17 ta' Dicembru 2019.[7] Illi dawn l-oggeti kienu jikonsistu fi tlett mobile phones, sikkina, xalla, flok u *hoodie*.

Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2020 xehdet **Ivania Borg**[8]. Spjegat li hija kienet xoghol fis-CKC Café u ghall-habta tat-07:50hrs, dahal ragel liebes hoodie u b'xalla ma halqu b'sikkina kbira f'idu li talabha "*kollox dak li ghandek fil-cash*". Meta ndunat li ma kienitx cajta, baqghet kalma, fethet il-cash u aggerssur kien pront hataf il-flus li kienu jammontaw bejn €400 u €450. Hekk kif hataf il-flus, telaq jigri 'l barra lejn in-naha ta' Ta' Xbiex. Dak il-hin fil-hanut kien hemm iz-zija tax-xhud Anna Zammit kif ukoll klijenta ohra. Meta rat il-filmat CCTV, indunat li l-aggressur kien midhla tal-hanut u fil-fatt gharfitu fl-awla. In kontro-ezami ikkonfemat li l-aggressur ha l-flus kollha li kien hemm fil-cash u li sal-lum, dawn il-flus ma gewx ritonati.

Fl-istes seduta xehed **Norman Zammit**[9], li huwa s-sid ta' CKC Café. Ghalkemm huwa s-sid, ma jahdimx fil-café u tmexxi kollox il-kugina tieghu Ivania Borg. Dakinhar tas-serqa, ghall-habta tat-08:00hrs, cemplitlu Ivania Borg u qaltlu li kienu mwerwrin minhabba li "*dahal wiehed b'sikkina*". Meta ra l-filmati, induna li kellu konoxxenza tal-aggressur minhabba li gieli kien mar il-hanut qabel u x-xhud stess huwa minn Ta' Xbiex u kien jaf li joqghod fl-inhawi. Jghid li filmat l-aggressur jidher idahhal idu lejn il-cash u jigbed il-flus, li kienu jammontaw madwar €400. Imbaghad jidher johrog 'il barra u jaqbad it-triq lejn id-dar tieghu. Ikkonferma li ghadda l-filmati CCTV lill-pulizija.

---

[7] Folio 89 ta' l-atti processwali
[8] Fol. 93-100 tal-atti processwali
[9] Fol. 101-114 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **PS 309 Brian Xuereb**[10], stazzjonat fl-Ghassa tal-Imsida, li kkonferma li huwa kien ha r-rapport dwar is-serqa attentata fuq Karolina Grima. Ra lill-vittma fl-Ghassa u kienet vizibbilment taht xokk qawwi. Aktar tard gie prezentat certifikat mediku dwar il-griehi li garrbet.

Fl-istess seduta xehed **PC 145 Alan Joseph Abela**[11], stazzjonat fl-Ghassa tal-Imsida, li kkonferma li huwa kien involut fit-tehid tar-rapporti dwar l-incidenzi tas-serqa attentata fuq Karolina Grima u s-serqa minn CKC Café. Kellu l-opportunita` jara l-filmati CCTV minn CKC Café u gharaf lill-aggressur bhala l-imputat Daniele Aquilina.

Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2020 xehdet **Vanessa Camilleri** f'isem l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta[12]. Informat li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBP-761 tal-ghamla VW Passat ghajjat lil certu Nikita Cardona u ilha hekk registrata mit-23 ta' Settembru 2016.

Ix-xhud esebiet dokument f'dan ir-rigward li jindika d-dettalji tal-karozza[13].

Fl-istess seduta xehdet **WPS 215 Valerie Mifsud**[14], stazzjonat fl-Ghassa ta' Tas-Sliema. Fl-14 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tat-02:40hrs hadet rapport dwar mara li kienet allegatament imsawwta u misruqa fi Triq Manoel de Vilhena, Il-Gzira vicin il-hanut Somewhere to Go Bar. Meta marret fuq il-post sabet li l-vittma kienet certu Gillian Bajada. Minn dak li qalet il-vittma, mar ragel fuqha u beda jigbdilha l-handbag, li spicca tqaccat mic-cinga u hi waqghet ghal wiccha fuq il-bankina bil-konsegwenza li kellha anke` xi dmija ma wiccha. Fil-vicinanzi

[10] Fol. 110-112 tal-atti processwali
[11] Fol. 113-115 tal-atti processwali
[12] Fol. 124-128 tal-atti processwali
[13] Dok VC1, Folio 126-128 ta' l-atti processwali
[14] Fol. 129-134 tal-atti processwali

indikati mill-vittma instab mobile phone li gie elevat. Mill-investigazzjonijiet li saru fuq dan il-mobile phone, hareg l-isem ta' Daniele Aquilina.

Ix-xhud esebiet cinga ta' basket kif ukoll mobajl tad-ditta Samsung bhala prova.[15]

Fl-istess seduta xehdet **WPS 256 Leanne Sant**[16], stazzjonata fl-Ghassa tal-Imsida. Fit-3 ta' Dicembru 2019 hadet rapport maghmul minn certu Nikita Cardona. Din rapportat li madwar xahar qabel kient waqfitilha l-karozza taghha tat-tip VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni IBP-761 u kient ipparkjata fuq Manoel Island. F'dak iz-zmien kient habiba mal-imputat Daniele Aquilina u dan kien offrielha li l-vettura tittiehed bit-tow truck vicin ir-residenza tieghu Palazzo Testaferrata, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex. Sar hekk u wara xi hmistax talabha €140 - €80 "*ghall-mekkanik*" u €60 ghalih, u weighed li kien ser ihallasha lura l-ghada. Il-flus qatt ma waslu lura u l-karozza sparixxiet. Ghalhekk il-vettura giet irrappurtata bhala misruqa. Lanqas il-pjanci taghha ma gew rintraccjati.

Fl-istess seduta xehdet **WPC Sarah Jane Ellul**[17], stazzjonata fl-Ghassa ta' Tas-Sliema. Bhal WPS 256 Leanne Sant, ikkonfermat ir-rapport maghmul minn Nikita Cardona dwar il-karozza taghha.

Fl-istess seduta xehdet **Gillian Bajada**[18]. Spjega li fis-sieghat bikrin tal-14 ta' Dicembru 2019 kienet miexja lejn il-karozza taghha fi Triq Manoel de Vilhena, il-Gzira, meta mar xi hadd minn warajha u gibdilha l-handbag. Kif daret, taha daqqa u waqghet mal-art u tqacctet ic-cinga tal-basket. Konsegwenza ta' dan spiccat bid-demm ma wiccha u nkisrilha n-nuccali. Ma taghrafx lill-aggressur.

[15] Folio 135 ta' l-atti processwali
[16] Fol. 136-139 tal-atti processwali
[17] Fol. 140-143 tal-atti processwali
[18] Fol. 143-148 tal-atti processwali

Xi jiem wara irrikorriet ghal-assistenza medika fic-Centri tas-Sahha tal-Gzira minhabba n-nefha li zviluppat u inhareg certifikat li pprezentat waqt ix-xhieda taghha. Spjegat li fil-handbag kellha madwar €300, cards bankarji kif ukoll ic-cwievet tad-dar. L-ghada instabu il-mobile u l-portmoni bil-cards bankarji u c-cwievet u gew ritornati.

Ix-xhud ipprezentat kopja tac-certifikat mediku li sar nhar il-15 ta' Dicembru 2019 gewwa c-centru tas-Sahha, il-Gzira fejn giet ezaminata mit-tabib Dr. Adrian Cordina Med Reg 2641.  Il-griehi gew ikonstati bhala hfief bi konsegwenzi zghar.

Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2020 xehdet **Nikita Cardona**[19]. Spjegat li wara s-sajf tas-sena 2019, kellha problema bil-karozza ghax ma kellhiex flus biex thallas il-licenzja u l-assikurazzjoni. Il-karozza kienet mitluqa fuq Manoel Island u kient bdiet taqla' c-citazzjonijiet. L-imputat kien offrielha li jzommilha l-karozza f'bicca drive-in hdejn id-dar tieghu. Hi accettat. Xi zmien wara l-imputat talabha €140 biex ihallas lill-mekkanik u talabha c-cwievet bl-iskuza li jipprovaw isewwu l-karozza. Eventwalment l-imputat qata' l-kuntatt minn maghha u beda ma jirrispondihiex. Semghat minghand in-nies li l-karozza kient spiccat fuq il-gebel minghajr roti. Taf li llum il-karozza qieghda ghand wiehed jismu' Richmond min Had-Dingli izda qieghda fi stat hazin hafna ghax tgharrqet bl-ilma. Spjegat li l-karozza kient xtratha ghas-somma ta' €7,400 minn fuq Maltapark u kienet ilha ghandha madwar tlett snin.

Fl-istess seduta xehed **PS 1255 Christian Azzopardi**[20], stazzjonat CID. Jispjega li kien sema dwar is-serqa minn CKC Café u l-attakk fuq Karolina Grima minn fuq ir-radio tal-pulizija u kien pront saq flimkien mal-Ispettur Lydon Zammit

[19] Fol. 194-202 tal-atti processwali
[20] Fol. 203-210 tal-atti processwali

lejn il-post. Hemmhekk kien hemm mara li kienet mifruga. Huwa kien imbaghad eleva l-filmati minn CKC Café. Il-persuna prezenti, u cioe` Ivania Borg indikat li l-aggressur kien mar fid-direzzjoni ta' Triq il-Principessa Elizabetta u ghalhekk, ix-xhud qabad dik ir-rotta biex jara x'kameras kien hemm. Gabar filmati minn Twin Casino u fihom deher l-isetess persuna li kien fil-kafetterija. Iccekkja ukoll kameras minn Curmi & Partners izda rrizulta li dawn ma kienux jahdmu. Ra ukoll il-kameras ta' Betsson fejn fihom jidher Matthew Whelan, l-ufficjal tas-sigurta` taghhom, jigri bi xkupa lejn l-imputat. Wara marru fir-residenza tal-imputat Palazzo Testaferrata, Triq Sir Ugo Mifsud. L-imputat kien kooperattiv u ghadda l-hwejjeg li kien liebes u tlett mobile phones lill-pulizija u indika fejn kienet is-sikkina li dahal biha fil-kafetterija. Fil-fatt kienet mormija fil-haxix vicin l-imsemmija residenza. Imbaghad ittiehdet l-istqarrija tal-imputat, fejn wara li gie moghti d-dritt li jikkonsulta ma avukat, spjega li kien qieghed hazin ghax kien qed juza d-droga u ammetta li kien involut fis-serqa minn CKC Café u l-attakk fuq Karolina Grima.

Ix-xhud esebiet flok abjad, sikkina u mobajl isfar tad-ditta Nokia.[21]

Fl-istess seduta xehed l-**Ispettur Colin Sheldon**[22], stazzjonat fl-Ghassa ta' Tas-Sliema. Ikkonferma l-konenut tar-rapport maghmul minn Nikita Cardona fit-3 ta' Dicembru 2019 kif ukoll ir-rapport dwar l-attakk u serqa fuq Gillian Bajada fl-14 ta' Dicembru 2019. Fil-15 ta' Dicembru 2019 kien talab mandat ghall-arrest tal-imputat liema mandat gie akkordat. Madankollu meta l-pulizija rrikorriet fuq il-post, l-imputat ma nstabx. Ix-xhud imbaghad ikkoordina mal-Ispettur Lydon Zammit li kien qed imexxi l-investigazzjoni dwar l-incidenzi l-ohrajn u eventwalment kien gie arrestat minn ufficjali tas-CID. Kien prezenti ghall-

[21] Folio 192 ta' l-atti processwali
[22] Fol. 212-216 tal-atti processwali

istqarrija tal-imputat, fejn dan, wara li rrifjuta l-jedd li jikkonsulta ma avukat, ikoopera bis-shih mal-pulizija. In kontro-ezami, ikkonferma li f'dak iz-zmien l-imputat kien ghaddej minn perjodu ta' abbuz minn sustanzi u ghalkemm kien konxju li madwar xahrejn qabel l-imputat kien qed jahdem, ma jafx jekk huwa zammx dan ix-xoghol.

Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2020 xehdet **Karolina Grima**[23] bil-lingwa Ingliza. Spjegat li kienet miexja fi Triq Abate Rigord minn hdejn Mamma Mia lejn Ta' Xbiex u rat zewg irgiel fin-naha opposta tat-triq. Wiehed minnhom qasam u prova jigbdilha l-basket minn wara. Il-basket, li fih kellha l-mobile, portmoni u cwievet, ma nqalax ghax wehel mal-minkeb. Tispjega li l-aggressur kien liebes hoodie sewda u xalla quddiem wiccu. Beda jghidilha biex titlaq il-basket u taha daqqiet fuq rasha u halqha madankollu baqghet izzomm il-basket u ma rnexxielux jiehdu. Matul dan kollu, ir-ragel l-iehor baqa' fuq in-naha l-ohra tat-triq. L-aggressur telaqha wara li hargu xi nies ghalih minn bini Blue Harbour vicin. Irrikorriet ghal assistenza medika u ghaddiet ic-certifikat lill-pulizija.

Illi dan ic-certifikat gie esebit mill-pulizija[24] li juri li nhar is-17 ta' Dicembru 2019, il-vittma irrikoriet fid-Dipartiment tas-Sahha gewwa l-Floriana fejn giet ezaminat mit-tabib Dr. Alfred Aquilina Med Reg 78752 M fejn ikkonstata li kellha girehi hfief salv kumplikazzjonijiet.

Fl-istess seduta xehed **Matthew Whelan**[25] bil-lingwa Ingliza. Spjega li ghall-habta tas-07:30hrs tas-17 ta' Dicembru 2019 kien qieghed fir-rampa tal-binja Blue Harbour, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex meta sema' ghajjat gej minn fejn il-hanut PC Computers. Induna li kien hemm ragel qed jassalta tfajla biex jehodilha l-basket, li kellha d-demm ma wiccha. Kif mar hu, l-aggressur telaqha

[23] Fol. 246-251 tal-atti processwali
[24] Fol. 88 ta' l-atti processwali
[25] Fol. 252-257 tal-atti processwali

u gera 'l fuq. Jghid li ra lill-aggressur jaghti tlett daqqiet lill-vittma f'wiccha u li l-aggressur kien liebes hoodie u deher bhala bniedem li kien drogat. Identifika lill-imputat fl-awla. Jghid li kien hemm ragel iehor izda dan baqa' fuq in-naha opposta tat-triq.

Fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2020 xehdet **Dr Katya Vassallo** li esebiet traskrizzjoni ta' l-istqarrija awdio vizwali ta' l-imputat.[26][27]

Fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2020 xehdet **Dr Nadia Vella** f'isem Mapfre Middlesea Insurance[28] li spjegat li l-vettura IBP-761 kienet assikuarata bhala third-party biss u ghalhekk ma ghandhiex indikazzjoni tal-valur tal-imsemmija vettura u f'dan ir-rigward gie esebiet dokumentazzjoni ta' l-istess assikurazzjoni.[29]

Fl-istess seduta xehed it-**Tabib Dr Alfred Aquilina**[30] adett fic-Centru tas-Sahha tal-Gzira li kkonferma li huwa hareg ic-certifikat ezebit a Fol 88 tal-atti wara li kien ezamina lil Carolina Pinterova (Grima) fis-17 ta' Dicembru 2019. Huwa kkonstata griehi konsostenti nefha bil-wicc u l-imnieher u tendon pain li gew klassifikati bhala ta' natura hafifa. In kontro-ezami, iccara li dwar il-kawza tal-griehi, huwa strah fuq x'qaltlu l-pazjenta.

Fl-istess seduta xehed l-**Ispettur Fabian Fleri**[31] li ezebixxa sensiela ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat Daniele Aquilina.

Fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2020 xehed **Dr Martin Bajada**[32], espert mahtur mill-Qorti sabiex jaghmel estrazzjoni tal-filmati CCTV, li halef u pprezenta r-

[26] Folio 282 ta' l-atti processwali
[27] Dok KG1, Folio 284-320 ta' l-atti processwali
[28] Fol. 322 tal-atti processwali
[29] Dok NV1, Folio 324-325 ta' l-atti processwali
[30] Fol. 326-328 tal-atti processwali
[31] Fol. 330-332 tal-atti processwali
[32] Fol. 393-394 tal-atti processwali

relazzjoni tieghu. Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2022[33] iccara li huwa ma kienx involut fl-iskarikar tal-filmati CCTV izda biss hareg il-fotogrammi mill-filmati mghoddija lilu. Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2022[34], rega' kkonferma li huwa ghamel biss xoghol ta' estrazzjoni ta' fotgrammi.

Illi mid-dokument esebiet minnu[35] jidher dehra ta' persuna liebes hoodie barra fit-triq nhar is-17 ta' Dicembru 2019. Jidhru ukoll *stills* ta' l-istess persuna diehel gewwa haunt b'sikkina kbira f'idejh liebes hoodie u maskla. Fl-istills jidher b'mod car il-persuna jersaq ghal *cash register* miftih b'id wahda filwaqt li fl-ohra izomm is-sikkina li hija ippuntata fid-direzzjoni tal-kaxxiera.

Fl-istess seduta xehdet **Stephanie Mallia**[36]. Spjegat li hija l-eks siehba tal-imputat Daniele Aquilina u li f'Dicembru 2019 ma kienux flimkien. Taf, madankollu, li f'dak il-perjodu kien mahkum mill-vizzju tad-droga u tghid li sa lejliet dakinhar li xehdet, kient ghadha f'kuntatt okkazjonali mal-imputat. Tirrakkonta incident meta marret tigbor il-hwejjeg taghha mid-dar tal-imputat f'Ta' Xbiex u rat vettura VW Passat ta' certu Nikita Cardona merfugha fuq il-gebel. Tinnega li hija qatt kienet uzat dik il-vettura.

Fl-istess seduta xehed l-**Ispettur James Grech**[37] li kkonferma li waqt is-seduta, kien hdejn il-bieb tal-awla u ra lill-imputat jghaddi kumment lix-xhud Stephanie Mallia hija u miexja lejn il-pedana u hi baxxiet rasha u baqghet ghaddeja.

Fl-istess seduta xehdet **Elizabeth Farrugia**[38]. Tispjega li kienet f'bar fil-Gzira ma habiba taghha li jisimha Gillian Bajada u ghall-habta tas-13:30hrs, din telqet u

[33] Fol. 555 tal-atti processwali
[34] Fol. 562-565 tal-atti processwali
[35] Dok MB1, Folio 395-404 ta' l-atti processwali
[36] Fol. 409-412; 415-425 tal-atti processwali
[37] Fol. 413-414 tal-atti processwali
[38] Fol. 426-429 tal-atti processwali

mxiet lejn il-karozza taghha li kienet vicin biss ftit mumenti wara irritornat fil-hanut wiccha kollu demm. Qalet li kien aggrediha ragel, tefaghha mal-art u hadilha il-handbag. F'idejha kellha biss ic-cinga tal-handbag.

Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2020 xehed **RPC 3166 Marshal Mallia**[39] li spjega li l-imputat Daniele Aquilina ma huwiex licenzjat biex izomm l-ebda arma. Illi f'dan ir-rigward esebixxa prova li jindika li l-imputat mhuiex licenzjat.[40]

Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020 xehed **Redent Gatt**[41]. Spjega li huwa jaf lil Nikita Cardona ghax kienet tohrog ma huh. Kien ikkuntattjaha minhabba li ra vettura li haseb li hija taghha, tat-tip VW Passat sewda, qed tinstaq minn haddiehor u cioe' mara b'figura pjuttost qawwija u xaghrha nokkli kannella.

Fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2022 xehed **Reuben Galea**[42]. Ikkonferma li qed jiskonta sentenza karcerarja dwar l-istess serqa li hija mertu ta' dawn il-proceduri u li huwa jaf lill-imputat Daniele Aquilina. Spjega li darba wahda xi sentejn qabel ghall-habta tal-04:00hrs, kien qed jiehu t-te` ghand hanut tal-pastizzi vicin il-pompa ta' Paul & Rocco f'Ta' Xbiex. Mar fuqu persuna li ma kienx jafu u indirizzat bhala "Il-Wires" li huwa l-laqam tieghu u talbu jmur mieghu sad-dar "*ha niehdu nifs*". Huwa mar u jiftakar li d-dar kienet qisha razzett hemm kien hemm ukoll zewg tfajliet. Wara li damu madwar nofs siegha fid-dar, l-imputat qallu "*ghal mieghi int ha naghmlu hold-up*" u ppuntalu sikkina kbira lejn sidru. Minn hemm qabdu miexjin lejn il-grawnd l-antik tal-Gzira u inhawi ohrajn fid-dintorni, fejn l-imputat talbu biex jiehu basket minn vann ipparkjat izda x-xhud ma ghamilx dan. Eventwalment, marru lejn l-inhawi tal-Busy Bee fl-Imsida u regghu bdew telghin lejn Ta' Xbiex. L-imputat lemah mara

[39] Fol. 433-435 tal-atti processwali
[40] Dok MM1, Folio 436 ta' l-atti processwali
[41] Fol. 455-457 tal-atti processwali
[42] Fol. 511-532 tal-atti processwali

miexja u gietu l-idea li jahtfilha l-handbag. Ix-xhud prova jipperswadih biex ma jaghmilx hekk izda l-imputat qasam it-triq u mar ghal warajha u prova jigbdilha c-cinga tal-handbag minn ma spallejha. Hi baqghet izzomm il-handbag u l-imputat fajjrilha tlett daqqiet f'idu fuq rasha. Imbaghad hareg ghalih ragel xi xkupa minn go drive-in vicin. Matul dan kollu, hu kien fuq in-naha l-ohra tat-triq u wara l-incident infired minn mal-imputat u mar lejn in-naha tal-Imsida. Cert li l-imputat ma rnexxielux jiehu l-basket u li b'kollox, l-incident dam madwar zewg minuti. Il-kontro-ezami tax-xhud sar fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023[43]. Zamm ferm mal-asserzjoni tieghu li qatt ma kien ra lill-imputat qabel u eskluda li ra xi sikkina tintuza waqt l-incident tal-handbag.

Fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2022 xehdet **Dr Lara Agius** f'isem Mapfre Middlesea Insurance[44] li spjegat li fis-sena 2019, il-vettura IBP-761 tat-tip VW Passat kienet assikurata fuq bazi third party biss u ghalhekk, ma hemmx informazzjoni dwar il-valur tal-vettura.

Illi f'dan ir-rigward ix-xhud esebiet dokumentazzjoni f'dan ir-rigward.[45]

Fl-istess seduta rega' xehed **PS 1255 Christian Azzopardi**[46] li kkonferma li huwa kien gabar il-filmati CCTV minn E Casino u CKC Café, li gew imbghad mghoddija lill-espert Dr Martin Bajada.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Frar 2024 xehdet bil-gurament l-Assistent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali Stephania Calafato Testa li esebiet kopja ta' akkuza li nbdew nhar it-8 ta' Marzu 2021.[47]

---

[43] Fol. 572-576 tal-atti processwali
[44] Fol. 539-540 tal-atti processwali
[45] Dok LA1, Folio 541-542 ta' l-atti processwali
[46] Fol. 543-545 tal-atti processwali
[47] Dok SCT1, Folio 590-594 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

**Ir-reat ta' serq**

Illi l-imputat huwa akkuzat primarjament tali ikometta serq aggravat bil-vjolenza, bil-valur, bil-mezz u bil-hin.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[48].

Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravju tas-serq kontestat f'dan il-kaz huwa elenkat fl-artikolu 261(a)(b)(c) u (f) tal-Kodici Kriminali li jinkludi l-aggravju tal-vjolenza, valur, mezz u hin. Dan qed jissemma specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjoni tas-serq kif migjuba kontra l-imputat u li tinkorpora dawn l-aggravji.

---

[48] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Skond il-Kodici Kriminali, l-aggravju tal-vjolenza issir skont il-kwalifiki ta' l-artikolu 262(1)(a)(b)(c) tal-Kodici Kriminali u li huwa bizejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex ighin il-konsumazzjoni tad-delitt.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-valur issir ssir meta s-serq tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-hin ssir meta s-serq issir bil-lejl u cioe bejn inzul ix-xemx u t-tlugh ix-xemx.

**L-approprjazzjoni bla jedd**

L-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza **Il-Pulizija vs Alan Azzopardi et**[49] fejn gie ritenut:

[49] Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, Deciza 24 ta' Novembru 2000

*Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprazzjoni indebito huma dawn li gejjin:*

1. *Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat* *__voluntarjament__* *mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprazzjoni indebito, imma s-serq.*

2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita (kif fil-fatt gara f' dan il-kaz meta sar il-bejgh).*

3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lil proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni indebito.*

*Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Marzu,** 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni indebito huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiehor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebito wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn l-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari - Dei Reati contra la Proprieta** – pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-***Carminiani** *fil-ktieb tieghu* **Elementi Iuris Criminali -** *(para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:*

> *"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

**Carrara** *fil-kieb tieghu* **Diritto Penale** *taht t-titolu* **Esposizione dei Delitti Inspecie** *(vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan r-reat bhala:*

> *" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

*Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebito ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide* ***Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciz nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949*** *u* ***Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.****)*

*B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.*

L-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jghid:

*Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalihjew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdatajew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-raddtal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal danid-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

Fil-kaz **Rex Vs Felice (1912)**, il-Qorti tenniet li l-artikolu 293 huwa identitku ghal dak li jipprovdi l-gurisprudenza Taljana u rrferriet ghal-awtur **Maino**, li stqarr li sabiex jissussitti r-reat ghandu ikollok 'affidamento' jew 'consegna' u cioe l-inkarigu jew il-kunsinna u ghalhekk irrid ikollok il-pussess ta' l-oggett. Irrid ukoll jirrizulta li jkun hemm il-konverzjoni ghall-beneficcju taghhom stess.

Illi dan il-principju gie kkonfermat fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Portelli**[50] fejn stqarr:

*"Majno kien qieghed jikkummenta fuq ir- ' j zzj indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-K ċ P T j -1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-K ċ K m għ . Aw u ħ j bħ A u M z jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-K ċ P T j -1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi".*

[50] Deciza 11 ta' Settembru 2015, Prim Imhallef Emirtus Silvio Camilleri

Illi l-elementi tar-reat gew ritenuti fil-kaz **The Police (Inspector Matthew Vella) vs Radoslav Szymon Skalski**[51]

*The elements which the prosecution needs to prove in this case, in accordance with articles 293 of the Criminal Code (Chp. 9) are the following:*

*1) The accused has misapplied by converting to his own benefit, or to the benefit of any other person, anything which has been entrusted to him or delivered to him under a title which implies an obligation to return such thing or to make use of such thing for a specific purpose. In the above eventuality, the complaint of the injured party must be exhibited.*

*2) That the above offence was committed on things entrusted or delivered to the accused by reason of his profession, trade, business, management, office or service or in consequence of a necessary deposit. In this later case, no complaint of the injured party is necessary and the police can proceed ex officio.*

Dawn il-principji kienu gew stabilliti u ssibu l-origini taghhom fil-kawzi **Rex Vs Pisani (1941)** (fejn gie ikkonfermat li m'hemmx in-neceissita li ssir il-gwadan), **Sua Maesta il Re vs Samuel Maymon**[52]**, Sua Maesta il Re vs Emmanuele Cardona**[53] **, Il-Pulizija vs Karmnu Catania**[54] u **Il-Maesta Tieghu r-Re vs Antonio Pisani.**[55]

---

[51] Court of Magistrates (Malta); Deciza 30 ta' Jannar 2018

[52] Qorti Krimnali, Deciza 17 ta' Gunju 1932, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXVIII/IV/18 at pgs. 19-20

[53] Qorti Kriminali, Deciza 16 ta' Gunju 1933, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXVIII/IV/33

[54] Qorti Kriminali, Deciza 18 ta' Ottubru 1941, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXI/IV/434 at pg. 435

[55] Qorti Kriminali, Deciza 2 ta' Dicembru 1941, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXI/IV/299 at pgs. 300-303

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi l-istqarrija tal-imputat[56] ittiehdet mill-Ispetturi Lydon Zammit u Colin Sheldon b'mod awdjo-viziv wara li l-imputat inghata s-soliti twissijiet u rrifjuta l-jedd ghall-assistenza legali[57]. Rigward is-serqa attentata fuq il-presuna ta' Carolina Grima, jipprova jwahhal f'Reuben Galea izda imbaghad ammetta li kien hu. Bl-istess mod jammetti l-involviment tieghu fis-serqa minn CKC Café kif ukoll is-serqa fuq il-persuna ta' Gillian Bajada ftit jiem qabel u jikkonferma li waqt din l-incidenza kien waqalu l-mobile. Fir-rigward tal-akkuzi dwar il-vettura ta' Nikita Cardona, jghid li ghaddieha lil certu Richmond f'Had-Dingli biex tinbiegh ghall-parts u li qabel, hu stess kien biegh ir-rimmijiet kif ukoll is-subwoofer u l-amplifier. Madankollu jiccara li kien ftiehem ma Cardona li jekk igibilha €500 u l-pjanci tal-vettura, hija tiffirmalu l-logbook u l-materja titqies rizolta. Johrog ghalhekk, li l-imputat kien kooperattiv mal-Pulizija.

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni taccenna primarjament ghall-fatt li fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta ghall involvement tista' tghid fl-incidenzi kollha mertu ta' dawn il-proceduri kif ukoll ghall-fatt li gie invarjabbilment identifikat mill-vittmi u xhieda okulari relattivi. Taghmel enfasi ukoll fuq il-fatt li f'kull incidenza ta' serq in ezami, intuzat il-vjolenza minn naha tal-imputat u ghalhekk, a bazi ta' dan, insistiet fuq piena karcerarja effettiva.

Id-difiza mill-banda l-ohra, tibda b'li tissottolinea li sa fejn huma koncernati l-akkuzi relatati mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, ghandu japplika l-principju ta' *litis pendentia* u dan ghaliex l-istess imputat jinsab

[56] Fol. 284-320 tal-atti processwali
[57] Folio 90 ta' l-atti processwali

akkuzat bi ksur tal-istess kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest quddiem diversi qrati. Fil-fehma tad-difiza, dan huwa l-istess reat u allura ma jistghux jibqghu jinhargu akkuzi fuq l-istess bazi kontra l-istess persuna waqt li l-mertu huwa diga` pendent quddiem Qorti ohra. Bl-istess mod, tghid id-difiza ir-recediva hija reat *ad hoc* u mhux sempliciment aggravant u ghalhekk, jinhtieg li jigi ppruvat indipendentement, inkluz l-identita` tal-agent tar-reati. Dwar il-mertu, iddikjarat li l-istqarrija mhux qed tigi kkontestata izda tilmenta li l-identifikazzjoni tal-agent tar-reati mix-xhieda u l-vittmi kellha ssir permezz ta' identification parade vera u proprja u mhux fl-awla tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Il-prosekuzzjoni ipprezentat ir-rapport ta' l-incident bir-referenza NPS 6/M/3228/2019[58] li sar nhar is-17 ta' Dicembru 2019 minn Karolina Grima fil-konfront ta' l-imputat. F'dan ir-rapport il-vittima tispjega kif kienet giet affrontata fit-triq minn zewg t-irgiel u giet attakata minn wara sabiex jinsterqilha l-basket taghha. Il-vittima tat deskrizzjoni cara ta' x'kien liebes izda kellu wiccu mghotti b'maskla. Meta bdiet tghajjat ghal-ghajnuna beda jaghtiha f'wiccha sakemm resaq ragel li beda jghinnha.

Il-prosekuzzjoni ipprezentat ir-rapport ta' l-incident bir-referenza NPS 6/M/3229/2019[59] li sar nhar is-17 ta' Dicembru 2019 minn Ivania Borg fil-konfront ta' l-imputat.

F'dan ir-rapport il-vittma stqarret kif kienet gewwa cafeteria gewwa Triq Abate, Tax Xbiex bl-isem CKC Café' meta giet avvicinata minn persuna b'sikkina kbira ippontat lejha. Dak il-hin hi kienet qeda tahdem bhala kaxxiera

[58] Folio 72-74 ta' l-atti processwali
[59] Folio 75-77 ta' l-atti processwali

u talabha li tghaddilu l-flus u seraq madwar erba mija u hamsa Euro fi flus kontanti.

Il-prosekuzzjoni ipprezentat ir-rapport ta' l-incident bir-referenza NPS 6/L/4944/2019[60] li sar nhar il-14 ta' Dicembru 2019 minn Gillian Bajada fil-konfront ta' l-imputat.

F'dan ir-rapport il-vittma stqarret li kienet qalghet xeba gewwa Triq Manuel De Vilhena, il-Gzira quddiem il-knisja. Meta l-pulizija marru sabiex jaghtu l-assitenza sabuha gewwa l-karozza taghha b'griehi friski fuqha. Il-vittma spjegatilhom li giet attakata minn persuna li prova jisraqilha l-basket u waqghet fuq il-bankina u wegghet wiccha.

Il-prosekuzzjoni ipprezentat ir-rapport ta' l-incident bir-referenza NPS 05/01/2020[61] li sar nhar it-3 ta' Dicembru 2019 minn Nikita Cardona fil-konfront ta' l-imputat.

Il-vittma irraportat li madwar xhar qabel il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni IBP 761 kienet waqfet tahdem u ordnat *tow truck* sabiex iggorha. Peress li kienet qeda tircievi l-multi minhabba li l-licenzja kienet skadiet l-imputat kien offra li l-karozza taghha tinzam fid-*driveway* tar-residenza tieghu. Wara gimghatejn talabha mitejn Euro kif ukoll ic-cavetta tal-vettura sabiex jehodha ghat-tiswija. Minn dawk il-flus li taghtu sittin Euro kienu ghalih u weghda li jaghtihomla l-ghadha. L-imputat qatt ma ta irciveta tax-xoghol li sar fuq il-karozza minkejja li kienet talbitu ghal wahda. Xi zmien wara saret taf mill-ex sieheb taghha li l-karozza kienet qeda tinstaq fit-triq minn mara li ma kienitx taf biha.

---

[60] Folio 75-77 ta' l-atti processwali
[61] Folio 83-87 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

Illi mil-gbir kumplessiv tal-provi hareg ampjament car li l-imputat kien il-persuna responsabbli ghas-serqiet li saru gewwa CKC Café, l-ohra fi Triq Abate Rigord, Tax Xbiex kif ukoll dik gewwa Triq Manoel De Vilhena, l-Gzira.

Illi mil-provi tax-xhieda kollha xehdu b'mod car u minghajr tfixkil jew dubju kif sehhu l-incidenti. Illi x-xhieda kollha irrakontaw il-mod car kif l-imputat wettaq is-serqiet, x'kien liebes u l-movimenti tieghu.

Illi oltre, dan ix-xhieda taghhom kienet ukoll ikkorroborata b'dik ta' xhieda okkulari ohra u filmati tas-CCTV fejn fil-filmati wiehed jara d-dehra ta' l-imputat.

Minn naha ta' l-investigazzjonijiet il-pulizija irnexxilhom ukoll jelevaw u jipprezentaw l-arma tas-sikkina li intuzat kif ukoll hwejjeg ta' l-imputat li kienu jaqblu ma uhud minn dawk deskritti mix-xhieda.

Illi l-imputat kien familjari ukoll ghal uhud mill-persuni ghaliex kien jiffrekwenta l-postijiet u jghix fl-inhawi. Ghaldaqstant jirrizulta li l-imputat kellu konoxxenza tajba tal-postijiet fejn wettaq is-serqa u tad-dintorni. L-imputat ukoll ghamel dawn l-atti bi hsieb u bi preparamenti.

L-imputat ghazel hwejjeg ta tip hoodie biex jaghti u jahbi l-identita tieghu, kif ukoll libes maskla. Attenda wkoll ghas-serqiet b'arma fi forma ta' sikkina imdaqqsa. Illi din is-sikkina waqt is-serqa kienu mikxufa u ippuntata lejn il-vittmi u wiehed jista biss jiringrazzja l-Bambin li ma ghamilx uzu dirett minnha b'tali mod li ikkagunat griehi gravi, serji u permanenti fuq il-vittmi jew fl-ghar ipotesi anke ha l-hajja ta' xi hadd. Il-vittmi li intghazlu kienu wkoll persuni vunerabbli jew fis-sens ta' l-eta' taghhom jew il-fatt li kienu nisa u ghaldaqstant fizikament mhux necessarjament jifilhu ghal aggressivita fizika ta' l-imputat.

Illi mill-provi jirrizulta b'mod car li l-imputat uza sikkina sabiex iwettaq is-serq u uza sabiex zamm taht arrest il-vittmi f'dan il-kaz. Illi din is-sikkina giet elevata u esebita fl-atti u l-uzu taghha jidher b'mod car fil-filmati esebiti oltre dak li xehdu l-vittmi stess.

Illi ghar-rigward il-griehi hfief fuq il-persuna Karolina Grima gew ukoll ippruvati mix-xhieda tal-vittma stess, ic-certifikat mediku u x-xhieda tat-tabib li ezaminaha.

Ghar-rigward l-appropjazzjoni tal-vettura Volkswagen Passat bin-numru tar-registrazzjoni IBP 761 li sar ghad-dannu ta' Nikita Cardona l-Qorti qiset li ill-provi tal-prosekuzzjoni xehdet il-vittma li spjegat b'mod car ir-relazzjoni li kellha ma l-imputat u l-mod kif inganna sabiex hadilha l-karozza. Semghet ukoll ix-xhieda ta' Trasport Malta dwar l-origini ta' din il-vettura. Jirrizulta li sal-lum il-gurnata din il-vettura ghadha qatt ma giet ritornata lura lill-vittma u li qatt ma tah kumpens ta' l-agir tieghu.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxiliha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-ewwel seba' imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat u ghalhekk sejra tghaddi sabiex issibu hati.

**Ikkunsidrat**

Ghar-rigward it-tmien imputazzjoni fejn gie akkuzat tali kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-

Magistrati (Malta), Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D, datat 11 ta' Jannar 2016, liema sentenza giet definitittiva u ma tistax tinbiddel giet esebita s-sentenza.[62]

Illi f'dan il-kaz, wara li l-imputat kien ammetta l-imputazzjonijiet kollha kontrih il-Qorti kienet taghtu sentenza ta' prigunerija ta' sentejn li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal zmien erba' snin. Illi l-imputat kien ukoll tqieghed taht Ordni ta' Supervizjoni skont l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi in vista tal-fatt li l-imputazzjonijiet kollha kontra l-imputat saru fis-sena 2019 jirrizulta ghalhekk li dawn saru entro t-termini ta' erba' snin u b'hekk kisser il-kondizzjonijiet tas-sentenza sospiza.

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex issibu hati tat-tmien imputazzjoni.

Illi ghar-rigward id-disa' imputazzjoni fejn gie akkuzat tali kiser il-provediment ta' Ordni ta' Probation skont l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tlett snin moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti Kriminali mill-Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.D datata 26 ta' Gunju 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-prosekuzzjoni esebit is-sentenza in kwistjoni[63] fejn jirrizulta l-Qorti cahdet l-appell ta' l-imputat u ikkonfermat l-ewwel sentenza.

Illi in vista tal-fatt li l-imputazzjonijiet kollha kontra l-imputat saru fis-sena 2019 jirrizulta ghalhekk li dawn saru entro t-termini ta' tlett snin u b'hekk kiser l-Ordni ta' Probation skont l-istess sentenza

---

[62] Dok FF1, Folio 333-336 ta' l-atti processwali
[63] Dok FF6, Folio 370-377 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex issibu hati tad-disa' imputazzjoni.

Illi ghar-rigward l-ghaxar imputazzjoni fejn gie akkuzat tali kiser il-provediment ta' Combination Order skont l-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tlett snin moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti Kriminali mill-Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.D datata t-28 ta' Settembru 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-prosekuzzjoni esebit is-sentenza in kwistjoni[64] fejn jirrizulta l-Qorti cahdet l-appell ta' l-imputat u ikkonfermat l-ewwel sentenza.

Illi parti minn din is-sentenza kienet tipprovi ghal Ordni ta' Probation ghal terminu ta' tlett snin.

Illi in vista tal-fatt li l-imputazzjonijiet kollha kontra l-imputat saru fis-sena 2019 jirrizulta ghalhekk li dawn saru entro t-termini ta' tlett snin u b'hekk kiser l-Ordni ta' Probation skont l-istess sentenza

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex issibu hati ta' l-ghaxar imputazzjoni dedotta kontrih.

**Ikkunsidrat**

Illi ghar-rigward il-hdax il-imputazzjoni l-imputat giet akkuzt tali renda ruhu recidiv skont l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

[64] Folio 378-389 ta' l-atti processwali

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* ta' serq u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tal-25 ta' Gunju 2019 moghtija mill-Magistrat Dr. Victor Axiaq[65] l-imputat, wara li nstab hati, gie liberat bil-kundizzjoni li ma

[65] Folio 99-100 ta' l-atti processwali

jaghmilx reat iehor skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn. Illi r-reati ta' serq mertu ta' din il-kawza sar fit-18 ta' Ottubru 2020 u cioe entro t-terminu tal-perjodu operattiv tas-sentenza.

Illi b'din is-sentenza l-Qorti tqis li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu u sejra tghaddi sabiex issibu hati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih.

Madankollu stante li l-imputat kien inghata piena skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dan il-kaz, sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv. F'dan ir-rigward Il-Qorti taghmel referenza sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004 kif ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Zahra** fejn il-Qorti stqarret li la darba s-sentenza mghottija hija ta' Ordni ta' Probation jew jigi liberat bil-kundizzjonijiet dawn ma jikkostitwixxu kundanna u ma jistghu jittiehdu ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Ghaldaqstant din is-sentenza mhix ser tigi kkunsidrata bhala prova tar-recidiva skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena*

*kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* ta' serq u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Aparti s-sentenzi li gew esebiti in sostenn tat-tmien, disa u ghaxar imputazzjonijiet, il-prosekuzzjoni esebit hames sentenzi ohra.[66]

Illi f'dawn id-diversi sentenzi l-imputat gie ikkundanat sentenza sosposiza ghall-perjodu ta' erba' snin (11 ta' Jannar 2016), Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin (11 ta' Jannar 2016), Ordni ta' Probation ghall-tlett snin (2 ta' Settembru 2013), tlett snin prigunerija (28 ta' Settembru 2016) u Ordni ta'

[66] Dok FF1-FF5, Folio 333-369 ta' l-atti processwali

Probation ghall-tlett snin u Ordni ta Servizz fil-Komunita ghall mitt siegha (15 ta' Marzu 2011).

Minn ezami tal-fedina penali jirrizulta li l-imputat instab hati diversi drabi ta' reati simili jew l-istess ghal dak li bihom tressaq fejn inghatat Ordnijiet ta' Probation skont l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu stante li l-imputatata kienet tqieghdet taht Ordni ta' Probation skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dan il-kaz, sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv. F'dan ir-rigward Il-Qorti taghmel referenza sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004 kif ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Zahra** fejn il-Qorti stqarret li la darba s-sentenza mghottija hija ta' Ordni ta' Probation jew jigi liberat bil-kundizzjonijiet dawn ma jikkostitwixxu kundanna u ma jistghu jittiehdu ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Ghaldaqstant kull Ordni ta' Proabtion indikata fil-fedina penali jew fis-sentenzi esebiti ma jistghux jigu kkunsidrati bhala prova tar-recidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Nonostante dan kollu, il-Qorti tqis li l-kumplament tas-sentenzi huma prova ghar-rigward l-adebitu tar-recidiva u sejra tikkonsidra l-addebitu tar-recidiva bhala provata u sejra ssibu hati dwarhom.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[67] li hija wahda ta' portata biblika u tindika fl-imputat karattru mill-aktar refrattarju u tinkwadrah bhala bniedem li rema' kull opportunita` ta' riforma li inghatat lilu fuq medda twila ta' zmien. Tindika ukoll li l-imputat huwa ta' perikolu ghas-socjeta` ghax kif ikollu bzonn il-flus, idur ghas-serq jew azzjonijiet qarrieqa a detriment ta' terzi persuni innocenti.

- Illi mil-ahhar rapport ta' l-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti datat id-29 ta' Mejju 2023[68] jirrizulta li wara li saru kuntatti ma' l-Agenzija Caritas jirrizulta li l-imputat qed ihoss li ghandu l-abilitajiet necessarji biex ikun fil-komunita u ma jirrikorrix ghall-abbuz tad-droga u ghall-kriminalita' u dan peress li l-prigunier qal li fil-passat segwa program residenzjali u ghalhekk huwa kapaci jipprattika l-kontenut ta' l-istess program. Mid-dokumentazzjoni ta' l-Agenzija Caritas jirrizulta wkoll li l-imputat ma kienx lest li jaghmel programm residenzjali f'kas li jinghata helsien mill-arrest fuq kaz iehor pendent.[69]

- Il-Qorti qiset ukoll in-numru ta' vittmi innocenti involuti li rridu igorru l-konsegwenza ta' l-agir taghhom. L-imputat wettaq ir-reati tieghu bl-aktar mod kapriccjuz minghajr ebda hsieb dwar il-konsegwenza ta' ghemilu fuq cittadni normali ghaddejin fil-hajja taghha ta' kuljum fuq il-post ta' xoghol jew fil-hajja privata taghhom. Illi ma jistax ikun li l-imputat jahseb li jista jghix din it-tip ta' hajja fejn johloq dan il-kaos fit-toroq u fuq in-nies qisu xejn m'hu xejn. L-imputat ukoll, minkejja kemm il-darba inghata sapport u opportunitajiet jidher bic-car li mhux sejjer jirriforma ruhu.

- Illi l-vittmi gew kompensati tal-hsarat li soffrew u ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandiex ghalfejn taghmel Ordni ta' Kumpens.

---

[67] Fol. 4-24 tal-atti processwali
[68] Folio 577 minn wara u l-quddiem ta' l-atti processwali
[69] Folio 578 ta' l-atti processwali

- Illi l-imputat huwa recidiv skond l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant din il-Qorti tista meta taghti piena izid l-istess piena bi grad wiehed jew tnejn.

- Illi r-reat ta' attentat ta' serq huwa meqjus aggravat in vista tal-vjolenza, mezz, valur u tal-hin li fih sar u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena tenut kont ta' l-aggravju u mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali u mizjuda bi grad jew tnejn skont l-artikolu 277(b) tal-Kodici Kriminali.

- L-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

- Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-imputat huwa ta' periklu ghas-socjeta u l-piena ghandha tkun wahda karcerarja.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 19, 23(1), 23(2), 23(3), 23(4), 23B, 23C, 28A, 28B, 28B(1), 28C, 28E, 28F, 28G, 28H, 30, 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(1)(c)(e)(f), 214, 215, 217, 221(1)(2,) 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 262(2), 263(b), 267, 270, 274(c), 275, 276, 277(b), 278(3), 280(2), 289, 293, 310(1)(b,) 383(1)(2)(3), 384, 385, 386, 532A, 532B, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 7, 21(1), 21(2), 21(3), 21(4), u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 51(2), 51(3), 51(6), 51(7), 51(9), 55(a), 56, 57, u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta Malta, qed issib lil Daniele Aquilina **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotta kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija

ta' **hames snin** li minnhom ghandhom jigu mnaqqas dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Illi l-Qorti qed taghzel li **titratta** mal-imputat ghad-disa u l-ghaxar imputazzjonijiet u tikkundannah ammenda kumplessiva ta' tlett' mitt (€300).

Illi ghar-rigward il-ksur ta' l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, il-Qori taghzel li **titratta** mal-hati u tordna li s-sentenza ta' sentejn prigunerija mghottija fis-sentenza tal-11 ta' Jannar 2016 mill-Magistrat Josette Demicoli għandha tibda isseħħ.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet li huwa jidher għaddej minnhom minħabba diversi abbużi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' tlett snin millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-**konfiska** ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jinġarru, jiġu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jiġu importati jew esportati, mibjugħin jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-**konfiska** tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati **ihallas** is-somma ta' erba mija u hamsin Ewro (€450) lill Norman Zammit is-sid ta' CKC Café, s-somma ta' mija u erbghin Ewro (€140) lill Nikita Cardona u s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) lill Gillian Bajada. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Illi li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dawn l-ammonti jistghu jithallsu b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100) kull xhar bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xhar wara li jiskonta l-piena karcerarja. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Daniele Aquilina taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` **elf ewro** (€1,000) mid-data tar-remissjoni tal-piena karcerarja.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Ivania Borg, Norman Zammit, Karolina Grima, Gillian Bajada u Nikita Cardona ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

**Komunika:** Kummissarju tal-Pulizija

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Daniele Aquilina **ihallas lir-Registratur tal-Qorti** l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma ta' mitejn, seba u sittin Ewro u hmistax il-centezmu (€ **267.15**) rapprezentanti spejjez ta' l-espert mahtur Dr. Martin Bajada.[70]

**Moghtija illum nhar it-30 ta' April 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**

[70] Folio 395-407 ta' l-atti processwali